**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 21/2020 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**DT**

**Vs**

**DA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DT datat 16 ta' Jannar 2020, a fol 1., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti iżżewwġu nhar it-tmintax (18) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) (Dok C)*

*Illi l-kontendenti isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Robert Micallef datat tletin (30) ta' Ġnju elfejn u sittax (2016) (Dok A)*

*Illi minn dana iz-zwieġ, il-kontendenti ma kellhomx tfal.*

*Illi ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-kontendenti;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli illi jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti il ilhom diversi snin jgħixu separatament għal aktar minn erbgħa (4) snin, presenzjalment it-tnejn għandhom il-ħajja separata tagħhom;*

*Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kwesiti għall-ottjeniment tal-ħall miż-żwieġ a*

*tenur ta' artikoli 66 A et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u oportuna:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;*
2. *Tordna lir-reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien kontemplat jinnotifika lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DA datata 4 ta' Marzu 2020, a fol 10A li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ġie innotifikat bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;*

*Illi l-esponenti jirrileva li ma għandu l-ebda oġġezzjoni għal dina t-talba;*

*Illi l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni ma jistgħux jiġu varjati hekk kif indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Robert Micallef datat tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016);*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi mhemmx arretrati ta' manteniment;*

*Illi l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi huwa ma jbatix l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri.*

Semghet ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Fl-affidavit taghha (a fol 15) **DT** xehdet illi hija izzewwġet lil DA fit-18 ta' Mejju 2013, u minn dan iz-zwieġ ma twieldux tfal. Pendenzi ta' manteniment ma hemmx. Hija telqet mid-dar matrimonjali sitt snin qabel il-proċeduri odjerni peress li din kienet proprjeta parafernali ta' żewġha DA. Xehdet ukoll illi hija f'relazzjoni oħra u sa fejn taf hija anke żewġha jinsab f'relazzjoni ma' ħaddieħor.

**DA** permezz ta' affidavit ikkonferma u ikkorobora dak li xehdet DT u zied jgħid illi prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet ma hemmx u li l-partiet isseparw legalment fl-atti tan-Nutar Dr Robert Micallef datat 30 ta' Ġunju 2016.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 2013 (Vide fol 3) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef (vide fol 4 et seqq.) datat 30 ta' Ġunju 2016. Jirriżulta ukoll mix-xhieda ta' DT (fol 15) illi hija kienet telqet mid-dar matrimonjali ċirka sitt snin qabel gew intavolati dawn il-proċeduri, u ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta'

rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**